MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 723/2005/1

**Annie mart Lino Ferrito, Doris mart Anthony Mifsud, Carmen mart Carmel Dimech, Odette Abela u George Abela**

**v.**

**Josephine mart Alfred Cassar, Pia Grima, Natasha Cassar, Omar Cassar, Warren Zarb, Alfred Cassar u l-Avukat Dotttor Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ghan-nom u fl-interess tal-Cassa Pia Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' Villa Monsinjur Gonzi tas-Siggiewi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili deċiża fil-5 ta' Lulju 2007 billi tiċħad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-8 ta' Awwissu, 2005, li in forza taghha wara li ppremettew illi:

"Nazzareno Abela bin il-mejtin Giuseppe u Anna nee` Falzon, imwieled Hal Qormi u li kien joqghod Santa Venera b'karta tal-identita` numru 230026(M) jigi missier l-atturi u l-konvenuta Josephine mart Alfred Cassar.

"Nazzareno Abela miet fis-27 ta' April, 2004 (Dok. A).

"Mir-ricerki maghmula fir-Registru Pubbliku (Dok B) irrizulta illi hu ghamel is-segwenti testmenti pubblici;

"(a) Testment *unica charta* flimkien ma' martu Ludgarda datat 16 ta' Gunju, 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis (Dok T1); f'liema testment huwa rrevoka, annulla u hassar kull testment li setgha ghamel qabel.

"(b) Testment pubbliku datat 12 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima Dok T2;

"(c) Testment pubbliku datat 26 ta' Awwissu, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima Dok. T3.

"Mir-ricerki (Dok C) fil-Qorti Civili – (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) rrizulta illi Nazzareno Abela ghamel is-segwenti testmenti sigrieti:

"(d) Testment sigrietipprezentat min-Nutar Hugh Grima fl-erbatax (14) ta' Gunju, 2000 (Dok T4);

"(e) Testment sigriet ipprezentat min-Nutar Hugh Grima fit-tmienja (8) ta' Frar, 2001 (Dok T5);

"(f) Testment sigriet ipprezentat min-Nutar Hugh Grima fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru, 2001 (Dok T6);

"(g) Testment sigriet ipprezentat min-Nutar Hugh Grima fis-sittax (16) ta' Settembru, 2002 (Dok T7); u

"(h) Testment sigriet ipprezentat min-Nutar Hugh Grima fit-tlieta (3) ta' Dicembru, 2002 (Dok T8).

"Nazzareno Abela ma kienx jaf jaqra u jikteb.

"A tenur tal-Artikolu 663 tal-Kodici Civili *"Dawk li ma jafux jew ma jistghux jaqraw u jiktbu, ma jistghux jaghmlu ebda disposizzjoni b'testament sigriet minghajr l-ghajnuna ta' imhallef jew magistrat"*.

"Nazzareno Abela ghamel l-imsemmija hames testmenti sigrieti tieghu minghajr l-ghajnuna ta' mhallef jew magistrat u ghalhekk l-istess testmenti huma nulli; dan anki kif espressament jipprovdi l-Artikolu 672 tal-istess Kodici Civili.

"L-atturi u l-konvenuti gew nominati werrieta, legatarji u/jew prelegatarji fl-imsemmija hames testmenti ta' Nazzareno Abela.

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Jigi dikjarat u deciz illi Nazzareno Abela ma kienx jaf jaqra u jikteb u li hu ghamel il-hames testmenti

sigrieti (Dok T4, T5, T6, T7 u T8) elenkati fic-certifikat rilaxxat mill-Onorabbli Qorti Civili – (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) (Dok C) minghajr l-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat.

"2. Jigi per konsegwenza dikjarat u deciz illi l-imsemmija hames testmenti sigrieti tieghu huma nulli u bla effett.

"3. Jigi dikjarat u deciz illi ghalhekk is-successjoni ta' Nazzareno Abela hija regolata bl-imsemmija tliet testmenti pubblici tieghu tas-16 ta Gunju, 1995 (atti Nutar Dottor George Bonello Du Puis), fit-12 ta' Mejju, 1999) (atti Nutar Dottor Hugh Grima) u tas-26 ta' Awwissu, 1999 (atti Nutar Dottor Hugh Grima) rispettivament esebiti bhala (Dok T1, T2 u T3).

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti in subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Josephine mart Alfred Cassar, Natasha Cassar, Omar Cassar, Warren Zarb u Alfred Cassar li in forza taghha eccepew illi:

"1. It-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante, illi t-testmenti sigrieti ta' Nazzareno Abela saru skond il-ligi, kif se jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza *de quo* u fuq kollox jigi rilevat li mit-testmenti kollha tad-*decujus* tidher cara l-intenzjoni tieghi li hadd ma jipprova jinficja l-espressjoni tax-xewqa tieghu fihom kontenuta;

"2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jidher minn imkien illi n-Nutar Dr. Hugh Grima meta kien qed jipprepara, u sussegwentement pprezenta t-testmenti sigrieti tad-*decujus* Nazzareno Abela, kellu anki l-inqas indikazzjoni li l-istess *decujus* ma setax jikteb jew jaqra;

"3. Inoltre, kif jista' jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni, meta d-*decujus* ghamel testment *unica charta* ma' martu quddiem in-nutar Bonello Du Puis, filwaqt li gie dikjarat li l-istess martu ma kienitx taf tikteb, fir-rigward tad-*decujus* ma saritx dikjarazzjoni simili u dan ikompli

jkabbar l-oneru li l-atturi ghandhom li jippruvaw li d-*decujus* ma kienx jaf jaqra u jikteb.

"4. Dejjem bla pregudizzju jigi rilevat li hemm divergenza bejn it-test Malti tal-Artikolu 663 tal-Kodici Civili u t-test korrispondenti fl-Ingliz. Filwaqt li t-test Malti jaqra hekk: *"**663.** Dawk li ma jafux jew ma jistghux jaqraw u jiktbu, ma jistghu jaghmlu ebda disposizzjoni b'testment sigriet minghajr l-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat"*, it-test Ingliz jipprovdi: *"**663.** It shall not be lawful for any person who does not know how to, or cannot write, to make any disposition by a secret will without the assistance of a Judge or Magistrate"*. Is-sottomissjoni tal-eccipjenti hija li japplika t-test Ingliz u kollox jindika li mhux minnu li d-*decujus* ma kienx jaf jikteb.

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dr. Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ghan-nom u fl-interess tal-Cassa Pia Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' Villa Monsinjur Gonzi tas-Siggiewi li in forza taghha eccepiet illi:

"1. F'dan l-istadju l-eccipjenti m'hijiex edotta mill-fatti. Madanakollu l-atturi ma jistghux jirnexxu fit-talba taghhom jekk ma jressqux provi sodisfacenti biex jeghlbu l-presunzjoni li l-firma fuq it-testmenti meritu tal-kawza huma prova li t-testatur kien jaf jaqra u jikteb.

"2. Bla pregudizzju u f'kull kaz, l-eccipenti m'ghandha qatt tigi kkundannata taghmel tajjeb ghal xi spejjez minhabba xi nuqqas ta' haddiehor.

"Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Pia Grima li in forza taghha eccepiet illi:

"L-posizzjoni tal-esponenti m'hix ser tinbidel kemm jekk it-talbiet attrici jigu milqugha u kif ukoll jekk jigu michuda u dan stante illi, effettivament, hija ma thalliet l-ebda legat jew wirt mid-*decujus* Nazzareno Abela u ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri.  In effetti l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

"Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"Illi jirrizulta li Nazzareno Abela, qabel ma miet, kien ghamel tliet testmenti pubblici, wiehed fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis, u t-tnejn l-ohra fl-atti tan-Nutar Hugh Grima, u sussegwentement hejja hames testmenti sigrieti, ilkoll bl-assistenza tan-Nutar Hugh Grima.  L-atturi jallegaw li l-hames testmenti sigrieti huma milli peress li, la darba t-testatur ma kienx jaf jaqra u jikteb, dawk it-testmenti kellhom isiru bl-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat, u la darba, saru minghajr dik l-ghajnuna, ghandhom jitqiesu nulli kif jipprovdi l-Artikolu 672 tal-Kodici Civili.

"L-artikolu tal-Kodici Civili li jesigi l-assistenza ta' Imhallef jew Magistrat hu l-Artikolu 633, u hawn wiehed jinnota mill-ewwel li hemm diskrepanza bejn it-test Ingliz u dak Malti.  It-test Malti jipprovdi hekk:

*""Dawk li ma jafux jew ma jistghux jaqraw u jiktbu, ma jistghu jaghmlu ebda disposizzjoni b'testment sigriet minghajr l-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat"*

"It-test Ingliz, min-naha l-ohra, ma jsemmix testaturi li ma jafux jaqraw, izda biss jirreferi ghal dawk li ma jafux jiktbu. L-artikolu, fit-test Ingliz tieghu, jipprovdi hekk:

*""It shall not be lawful for any person who does not know how to, or cannot write, to make any disposition by a secret will without the assistance of a Judge or Magistrate"*.

"Fuq dan il-konflitt, u meta tqis ligi inkorporata fl-istatut Malti qabel il-Kostituzzjoni tal-indipendenza, il-principju kien li meta jkun hemm konflitt bejn it-test Ingliz u t-test Malti fil-ligi, jipprevali t-test ingliz (ara Farrugia v. Agius, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar, 1950).

"Min-naha l-ohra, l-Artikolu 8(3) tal-Att tal-1980, Dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutorji, issa jipprovdi li *"jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi edizzjoni riveduta, it-test Malti ghandu jipprevali"*. Il-Kodici Civili huwa wiehed mil-ligijiet li l-edizzjoni riveduta tieghu dahlet fis-sehh, u kwindi, fid-data li infethu t-testmenti in kwistjoni, it-test Malti tal-ligi ghandu jipprevali.

"Jidher pero`, f'kull kaz, li, ghal-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, mhux rilevanti jekk it-testatur jafx jew le jaqra, izda l-kriterju importanti hu jekk jafx jew le jikteb.

"Dan johrog car minn qari tan-Noti fuq is-suggett tal-Profs Caruana Galizia, li hu kien hejja ghall-istudenti tal-ligi tal-Universita`. Hu jghid (f'pagna 988) li *"a secret will may be written out either by the testator himself or by a third person, but it must be signed by the testator if he can write"*. Meta, imbaghad, jitkellem b'mod specifiku fuq l-artikolu in kwistjoni (f'pagna 990) jghid li dak li hu importanti hija l-firma ghax *"if the testator cannot write, an essential formality, viz, the signature, cannot be complied*

*with"*; f`kaz ta' persuna li ma jafx jaqra, *"the sincerity of a will written out by a third person will depend on the honesty of the latter"*, pero`, ghal dan irid jahseb it-testatur billi jaghzel bhala terza persuna biex jiktiblu t-testment, persuna li hu jista' jafda. Il-firma, min-naha l-ohra, hi essenzjali u jekk testatur ma jafx jikteb, allura hemm il-htiega tal-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat *"to ensure that the paper is not exchanged, through the testator's illiteracy, for another"*. Jekk it-testment sigriet hu debitament iffirmat, ma hemmx dan il-periklu.

"Li l-iskop ta' dawn il-formalitajiet hu biex tigi assigurata l-genwinita` tad-dokument u tal-intenzjoni tat-testatur, jispjegah ukoll il-gurista Giovanni Criscuoli fil-ktieb *"Il Testamento"* (CEDAM Ediz. 1991) li f'pagna 12 jghid hekk:

*""Si legge nei libri che il rigore formale che circonda il testamento ha come fine precipuo generale quello di assicurare in modo virtualmente ottimale la corrispondenza della regola posta dal testatore al suo effettivo volere. In quest` ottica i particolari scopi che assolvono gli specifici requisiti formali prescritti per ogni modello testamentario – olografo, pubblico, segreto, speciale – sono tutti assorbiti da quell fine generale, il quale, dal suo canto, ha poi diversi riflessi di pratica utilita`: quale il sollecitare una maggiore ponderatezza e serieta` delle scelte dispositive, ovvero, per altro verso, il frapporre un forte ostacolo alla possibilita` di manipolazioni o alterazioni esterne del trascritto"*.

"Dan jikkonferma li l-iskop tal-formalitajiet imposti bil-ligi hija intiza biex jigi assigurat li l-intenzjoni vera tat-testatur ma tigix alterata; id-dokument irid ikun certifikat bhala genwin u originali u, ghalhekk, il-ligi tesigi firma fuqu biex, bhala kull skrittura privata ohra, jitqies validu. Dak li hu importanti f'kaz ta' testment sigriet, mhux min jiktbu, izda li jkun iffirmat mit-testatur, u, ghalhekk, il-htiega tal-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat f'kaz li t-testatur ma jafx jikteb.

"Kif wiehed jista' jassumi minn qari ta' dak li jghid il-Profs. Caruana Galizia fil-parti aktar qabel kwotata, huwa jekwipara l-firma ma' xjenza tal-kitba; fil-fatt jghid li jekk testatur ma jistax jikteb, allura ma jistax jiffirma t-testment redatt. L-importanti, allura, mhux li t-testatur jaf jikteb, imma li jaf jiffirma. Il-Collins *"English Dictionary"* jiddefinixxi l-kelma *"write"* bhala *"to draw or mark (symbols, words, etc) on a surface, usually paper, with a pen, pencil or other instrument".*

"Il-*"The Shorter Oxford English Dictionary"* jiddefinixxi l-kelma *"write"* bhala *"to form* (*letters, symbols, words, etc*) *by carving, engraving or incision; to form or delineate (a letter, symbol, ideogram, etc) on paper or the like with a pen, pencil, brush, etc; to enter or record (a name)".*

"Jidher li m'ghandekx bzonn xi kapacita` kbira biex jista' jitqies li bniedem hu kapaci jikteb, u r-rekordjar ta' isem jitqies bhala rizultat ta` min hu kapaci jikteb.

"It-testatur Nazzareno Abela jidher li ma kienx jaf jaqra u jikteb fit-tul, pero`, b'mod jew iehor, kien jaf jikteb ismu, u jekk l-firma tieghu, maghmula bil-mod deskritt min-Nutar Bonello Du Puis, tghodd ghal-fini ta' testment pubbliku, ghandha ghaldaqstant iehor tghodd ghal-fini ta` testment sigriet.

"Kwindi, ghal-fini tal-artikolu in ezami, ma jistax jinghad li hu ma kienx jaf jikteb; it-testatur ma kienetx persuna illiterata ghall-ahhar, u kwindi l-formalitajiet imposti bl-Artikolu 663 ma kienux mehtiega li jigu segwiti.

"Jista' jinghad ukoll li l-Qorti tara li, wara kollox, anke jekk wiehed jikkunsidra verbatim it-test Malti, l-Artikolu 633 ma jkunx applikabbli, ghax it-test Malti jrid li jkun hemm l-ghajnuna ta' Imhallef jew Magistrat jekk it-testatur ma jafx jaqra u jikteb (konguntiv u mhux fl-alternattiv); it-testatur, f'dan il-kaz, mhux biss kien jaf *"jikteb"* izda kien jaf ukoll *"jaqra"* n-numri, u jiehu hsieb, anke wahdu, l-kontijiet bankarji tieghu, u kwindi l-kondizzjoni rikjest fl-artikolu ma avveratx ruhha.

"Hu doverus ghal Qorti li taghmel riferenza ghal kawza Spiteri v. Mamo et, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 1923, fejn dik l-Onorabbli Qorti donna riedet tfisser li persuna li taf biss tikteb isimha, ma tafx *"tikteb"*. Il-hsieb ta' dik l-Onorabbli Qorti, jidher, pero`, li kien koncentrat fuq il-htiega li tigi salvagwardata l-integrita` tat-testment (kif intqal aktar qabel), tant li jinghad li:

*""secondo la legge non e` necessario che un individuo abbia una coltura straordinaria o speciale perche` possa testare in forma segreta, ma e` sufficiente che si dimostri aver egli avuto una coltura litteraria tale da aver potuto sincerarsi, nel caso di testamento scritto da mano aliena, che il contenuto di quell`atto rappresentasse fedelmente la sua ultima volonta`: poiche I requisiti e le formalita` stabilite della legge per la validia` ed efficacia del testamento sia pubblico che segreto non sono intesi ad altro che a garantire la libera manifestazione della volonta` del testatore, a determinare la prova e ad assicurare l' identita` e la conservazione dell`atto testamentario"*.

"Din l-*"assigurazzjoni"* mhux necessarjament tista' tirrizulta biss minn qari, b'xi mod, tat-testment, izda tista' tirrizulta wkoll mill-integrita` tat-terza persuna li irredigiet it-testment, u meta, bhal fil-kaz in ezami, din il-persuna hija ufficjal pubbliku, il-presenza u l-involviment tieghu ghandu jaghti lit-testment sigriet *fede* daqs li kieku t-testment kien wiehed pubbliku.

"Il-principju generali li ghandu dejjem jirregola t-testmenti hu li l-volonta` tat-testatur ghandha tigi protetta u moghtija effett; wiehed ghandu dejjem jifhem x`kienet il-volonta` tat-testatur u jaghti effett lil din il-volonta` - ara Inguanez v. Mifsud, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru, 1982, u Cassar Desari v. Bianchi, deciza wkoll minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 1984. La darba hu l-kaz li t-testmenti huma genwini (u mhux qed jigi allegat il-kuntrarju), kull dubju ghandu jmur favur il-validita` tat-testment, u mhux iwassal ghar-revoka tieghu. Il-Qorti rat li t-testatur dam jarbel kif se jiddisponi minn gidu, u mis-sena 2000 sakemm miet, ghamel hames testmenti sigrieti biex, mod

preciz, jahseb ghal wara mewtu. Ma giex allegat jew muri li d-disposizzjonijiet testamentarji jmorru kontra l-hsibijiet jew l-inklinazzjonijiet li wera t-testatur matul hajtu.

"L-intenzjonijiet tieghu jinsabu skritti f'dawk it-testmenti, debitament iffirmati minnu, u l-Qorti ma tarax li ghandha twarrab l-volonta` tieghu fuq qari maghluq tal-provvediment tal-ligi. La darba l-ligi tista` tigi interpretata b`mod wiesgha, ghandha hekk tigi interpretata biex jinghata effett lill-volonta` tat-testatur. Min jaf, it-testatur, kemm inkwieta u haseb fuq it-testmenti tieghu qabel ma dawn gew redatti, u l-Qorti ma tarax li ghandha, b'semplici daqqa ta' pinna, thassarlu kollox meta l-ligi tista' tigi interpretata b'mod li salva dak li sar.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom."

**Ir-rikors tal-appell tal-atturi:**

L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponew appell minnha.

L-aggravji tagħhom huma, in succint, dawn:

1) Huma ma jaqblux ma' l-interpretazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-Artikolu 663 tal-Kodici Civili meta qalet li "*mhux rilevanti jekk it-testatur jafx jew le jaqra, iżda l-kriterju importanti huwa jekk jafx jew le jikteb*." Huma ma jaqblux ma' din l-interpretazzjoni għas-segwenti raġunijiet:

a) B'dan ir-raġjonament, l-ewwel Qorti tefgħet persuna li taf jew tista' taqra fl-istess keffa ma' persuna li ma tafx jew ma tistax taqra.

b) It-tagħlim tal-Professur Caruana Galizia illi testment sigriet jista' jinkiteb minn terza persuna jiswa biss għal dawk it-testaturi li għalkemm forsi ma jafux jew ma jistgħux jiktbu għal xi raġuni jew oħra, ħallew it-testment

jinkiteb minn terza persuna, pero` min-naħa l-oħra jistgħu, peress li huma kapaci jaqraw, jaccertaw ruħhom mill-kontenut tal-istess testment sigriet.

c) L-ewwel Qorti qalet li "*f'kaz ta' persuna li ma jafx jaqra, "the sincerity of a will written out by a third person will depend on the honesty of the latter", pero` għal dan irid jaħseb it-testatur billi jagħzel bħala terza persuna biex jiktiblu t-testment persuna li hu jista' jafda*". L-appellanti ma jaqblux ma' dan ir-raġunament in kwantu għal kemm hu veru li normalment it-testatur se jagħżel persuna li jafda biex tiktiblu t-testment, l-Artikolu 663 tal-Kodici Civili jipprovdi li f'każ ta' persuna li ma tafx jew ma tistax taqra u tikteb, hija meħtieġa specifikatament l-għajnuna ta' Imħallef jew Maġistrat għall-validita` tat-testment sigriet.

d) L-appellanti wkoll ma jaqblux mal-konklużjoni tal-Qorti meta din qalet: "*Il-firma, min-naħa l-oħra, hi essenzjali u jekk testatur ma jafx jikteb, allura hemm il-ħtieġa tal-għajnuna ta' Imħallef jew Maġistrat "to ensure that the paper is not exchanged, through the testator's illiteracy, for another". Jekk it-testment sigriet hu debitament iffirmat, ma hemmx dan il-periklu".* Huma jargumentaw illi filwaqt li huwa veru li l-firma tat-testatur fuq il-karta tista' telimina d-dubbji fir-rigward tal-awtenticita` tal-karta li fuqha t-terza persuna tkun kitbet it-testment, pero` f'każ illi t-testatur ma jafx jew ma jistax jaqra, dan ma jkollux mezz li jaccerta ruħu dwar il-kontenut tat-testment u jkollu jistrieħ biss fuq il-fiducja tiegħu fit-terza persuna li tkun kitbet it-testment.

2) F'għajnejn l-ewwel Qorti, semplici firma, anke kif magħmula mit-testatur Nazzareno Abela, u cioe` ikkupjata minn fuq firma oħra tiegħu, hija ekwiparata, għall-finijiet ta' testment sigriet, mal-kapacita` li wieħed jaqra u jikteb u għalhekk din il-"kapacita`" tat-testatur li jiffirma b'dan il-mod twarrab il-ħtieġa ta' assistenza ta' Imħallef jew Maġistrat kif rikjesta fl-Artikolu 663. L-appellanti ma jaqblux ma' din l-interpretazzjoni: huma jispjegaw illi t-testatur ma kienx jaf jikteb imma kien jaf iħażżeż il-firma tiegħu u dan għaliex peress li kien kummercjant, il-firma kienet xi ħaġa necessarja biex imexxi n-negozju tiegħu u

jidħol fi ftehim ma’ ħaddieħor, pero` l-kapacita` tiegħu li “jikteb” sa hemmhekk biss kienet tasal. Għalhekk ma jistax jiġi addottat b’mod riġidu t-tagħlim tal-Prof. Caruana Galizia li jekk wieħed jaf jiffirma allura jfisser li jaf jikteb.

In oltre jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti irraġjonat illi jekk għalkemm Nazzareno Abela ma kienx jaf jaqra u jikteb fit-tul, il-firma tiegħu (bil-mod kif deskritta min-Nutar Bonello Du Puis) kienet tgħodd għall-fini ta’ testment pubbliku, għandha daqstant ieħor tgħodd għall-finijiet ta’ testment sigriet. L-appellanti ma jaqblux ma’ din il-konklużjoni: huma jargumentaw illi apparti l-fatt li n-Nutar Bonello Du Puis jagħmilha cara li t-testatur kien illitterat, jibqa’ l-fatt li għall-finijiet ta’ testment pubbliku l-liġi tirrikjedi l-preżenza ta’ żewġ xhieda. Għalkemm in-Nutar Bonello Du Puis ma kienx għamel dikjarazzjoni li t-testatur ma jafx jikteb, minħabba l-fatt li t-testatur kien kapaci jħażżeż firma, jibqa’ l-fatt li  hemm żewġ xhieda preżenti biex jivverifikaw il-firma tiegħu u l-kontenut tat-testment. Issa testment sigriet, ikomplu jargumentaw, huwa iktar sensittiv minn testment pubbliku fis-sens li mhix rikjesta l-preżenza ta’ żewġ xhieda u għalhekk il-liġi ħasbet proprju biex tirrimedja għal dan in-nuqqas ta’ xhieda sabiex jiġi accertat li l-kontenut tat-testment jirrifletti verament l-intenzjoni tat-testatur, billi tirrikjedi l-assistenza ta’ Imħallef jew Maġistrat.  Għalhekk l-appellanti jinsistu li l-firma kif magħmula mit-testatur Nazzareno Abela fuq testment pubbliku ma tistax tiswa’ bl-istess mod għat-testmenti sigrieti minnu magħmula u għalhekk kienet rikjesta l-assistenza  ta’ Imħallef jew Maġistrat.

Dwar dik is-sentenza li minnha ccitat parti l-ewwel Qorti, u cioe` **Spiteri v. Mamo et**, fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Mejju 1923 kienet irriteniet li m’hemmx għalfejn individwu  jkollu xi kultura straordinarja jew specjali biex jiddisponi b’testment sigriet imma huwa sufficjenti li  jkollu “*una coltura litteraria tale da aver potuto sincerarsi, nel caso di testamenti scritto da mano aliena, che il contenuto di quell’ atto rappresentasse fedelmente la sua ultima volonta*`” l-appellanti jaccertaw lill-Qorti li Nazzareno Abela ma kienx jipposjedi tali *coltura*, tant li anke jekk kien jiġi muri dokument rasu ‘l isfel, lanqas kien jinduna.

**Risposta tal-appell tal-konvenuta appellata Dr. Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof għan-nom u fl-interess tal-Cassa Pia Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili kif ukoll għan-nom u fl-interess ta' Villa Monsinjur Gonzi tas-Siġġiewi:**

Il-konvenuta Dr. Michelle Tabone nomine wieġbet sabiex turi għaliex l-appell interpost mill-atturi għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata. Il-punti tagħha huma dawn:

1) L-assistenza ta' ġudikant preskritta fl-Artikolu 663 tal-Kodici Civili hija intiża biss biex jiġi assigurat li l-intenzjoni tat-testatur ma tiġix alterata u li t-testment sigriet ikun jirrappreżenta fedelment dak illi kellu fl-intenzjoni tiegħu t-testatur.

2) Dwar jekk japplikax it-test Malti jew it-test Ingliż tal-Artikolu 663, tissottometti illi anke jekk *in pessima ipotesi* japplika t-test Malti, il-liġi trid li biex tkun meħtieġa l-għajnuna ta' Imħallef jew Maġistrat, it-testatur irid ma jkunx jaf jew ma jistax "jaqraw u jiktbu". Għalhekk il-prova li tinkombi fuq l-atturi hija dik kemm illi Nazzareno Abela ma kienx jaf jikteb u kif ukoll illi huwa ma kienx jaf jaqra.

3) Nazzareno Abela kien negozjant li kellu kapacitajiet aktar minn tajbin, kien għamel diversi kuntratti ta' bejgħ ta' proprjeta`, kellu kumpanija b'negozju kbir mal-familja u għalhekk huwa difficli li wieħed jifhem kif persuna b'tali kapacitajiet u dispożizzjonijiet lejn il-ħajja tista' b'xi mod ikollha l-volontajiet tagħha mhux rappreżentati fit-testmenti li hija tagħmel.

4) Jirriżulta mix-xhieda tan-Nutar Hugh Grima, rappreżentanti tal-bank, in-Nutar George Bonello Du Puis u anke xhieda oħra li Nazzareno Abela kien jaf jiffirma ismu u skond l-interpretazzjoni mogħtija fil-ġurisprudenza, timporta l-preżunzjoni li hu kien kapaci jaqra u jikteb sufficjentement biex jagħmel tali testment. Prova oħra li dawn it-testmenti jirrappreżentaw il-volonta` tal-istess

Nazzareno Abela huwa l-fatt li anke fit-testmenti pubblici tiegħu kien innomina l-istess persuni bħall-Cassa Pia Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili u lil Villa Monsinjur Gonzi tas-Siggiewi bħala legatarji tiegħu u għalhekk f'dawn it-testmenti ma kienx hemm xi varjazzjoni hekk kbira fil-volonta` tal-istess testatur.

Rilevanti huwa wkoll il-fatt li Nazzareno Abela ma għamilx testment sigriet wieħed, imma għamel ħamsa matul il-perjodu ta' sena u nofs u dan huwa indikattiv li kien persuna koerenti u determinat li dak li jrid jagħmel iwettqu. Huwa minnu li l-Artikolu 663 jitkellem dwar l-assistenza tal-ġudikant pero` l-effett aħħari u *raison d'etre* tal-istess assistenza kellha tkun li jiġi assigurat li l-volonta` tat-testatur tiġi manifestata fit-testmenti.

**Risposta tal-appell tal-konvenuti Josephine mart Alfred Cassar, Natasha Cassar, Omar Cassar, Warren Zarb u Alfred Cassar:**

Il-konvenuti fuq imsemmija wieġbu sabiex juru għaliex l-appell interpost mill-atturi għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonfermata. Il-punti tagħhom in risposta għall-aggravji tal-appellanti huma dawn:

1) <u>Dwar jekk il-kriterju għandux ikun li t-testatur jafx jaqra u jikteb</u>:

Dawn l-appellati jghidu li l-appellanti qed jieħdu interpretazzjoni stretta ħafna tal-Artikolu 663. L-ewwel Qorti kienet korretta li indikat bħala l-ingredjent essenzjali sabiex persuna tagħmel testment sigriet huwa li jaf jiffirma u bħala konsegwenza jaf jaqra. Mingħajr il-firma tat-testatur it-testment mhuwiex validu, u l-fatt li ma jafx jiffirma jkun l-ewwel sinjal għal nutar li t-testatur ma jafx jaqra u lanqas jikteb u b'hekk jista' jiskatta l-Artikolu 663. Fil-fatt, il-formalita` elenkata fl-Artikolu 663 tiskatta biss jekk it-testatur jagħżel li jiżvela li ma jafx jikteb jew jaqra.

2) <u>Dwar jekk hux sufficjenti li t-testatur jaf jiffirma</u>:

L-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li r-rekordjar ta' isem jitqies bħala riżultat ta' min hu kapaci jikteb. L-appellati jargumentaw li ma jeżistix test oġġettiv kif wieħed jista' jkejjel jekk testatur jafx jikteb jew jaqra. Jirreferu għax-xhieda tan-Nutar Bonello Du Puis li qal li Nazzareno Abela kien "illitterat", iżda madanakollu la kien jaf jikteb ismu l-istess nutar ma kienx jagħmel dikjarazzjoni fil-konfront tiegħu. Bħala konsegwenza l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li la l-firma tiegħu kienet tgħodd għall-fini ta' testment pubbliku, għandha daqstant tgħodd għall-fini ta' testment sigriet.

Fuq kollox it-testment sigriet kien il-volonta` tat-testatur u b'hekk kull dubju għandu jmur favur il-validita` tat-testment u mhux iwassal għar-revoka.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qegħdin jippruvaw jannullaw ħames testmenti sigrieti (esebiti u mmarkati bħala Dok T4 sa T8) magħmula minn Nazzareno Abela. It-teżi tagħhom hija li peress li huwa ma kienx jaf "jaqra u jikteb" ma setax jagħmel dispożizzjonijiet b'testment sigriet mingħajr l-għajnuna ta' Imħallef jew Maġistrat, kif rikjest fl-Artikolu 663 tal-Kodici Civili:

"Dawk li ma jafux jew ma jistgħux jaqraw u jiktbu ma jistgħu jagħmlu ebda dispożizzjoni b'testment sigriet mingħajr l-għajnuna ta' Imħallef jew Maġistrat."

L-ilmenti principali tal-appellanti huma, bażikament, tnejn:
(1) il-fatt li għall-finijiet tal-Artikolu 663 l-ewwel Qorti rriteniet li mhux rilevanti jekk testatur jafx "jaqra", iżda li dak li huwa importanti hu li t-testatur jaf "jikteb", u

(2) il-fatt li l-ewwel Qorti ekwiparat il-kapacita` li wieħed "iħażżeż" il-firma tiegħu mal-kapacita` li "jikteb".

Din il-Qorti rat l-Artikolu 663, li fit-test Malti jitkellem fuq dawk li "*ma jafux jew ma jistgħux jaqraw u jiktbu*" fil-waqt li fit-test Ingliż jitkellem fuq "*any person who does not know how to, or cannot write*" (sottolinejar tal-Qorti). Dwar din

id-diskrepanza taqbel ma' l-atturi appellanti li huwa t-test Malti li għandu jipprevali u dan a tenur tal-Artikolu 8(3) tal-Att Dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji li jgħid li f'każ ta' kunflitt bejn it-test Malti u dak Ingliż ta' xi edizjoni riveduta, għandu jipprevali dak Malti. Isegwi għalhekk li għall-finijiet tal-Artikolu 663, meta testatur ma jkunx jaf/jista' "jaqra" u "jikteb", huwa ma jistax jiddisponi b'testment sigriet jekk mhux bl-għajnuna ta' Imħallef jew Maġistrat.

Pero` qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tapprofondixxi fuq dan l-artikolu, u tikkunsidra l-argumenti u l-aggravji tal-appellanti fir-rigward ta' dan l-istess artikolu, ma tistax ma tikkonsidrax artikolu ieħor, u cioe` l-Artikolu 656, u dan proprju għaliex huwa l-Artikolu 656 li jiddetermina jekk għandux japplika l-Artikolu 663. In-nota marġinali relattiva tindika li l-Artikolu 656 jirrigwarda l-"forma ta' testment sigriet":

"(1) It-testment sigriet jista' jiġi stampat, magħmul bit-*typewriter* jew miktub bil-linka sew mit-testatur innifsu jew minn terża persuna.[1]

"(2) Meta t-testatur jaf u jista' jikteb, it-testment għandu fil-każijiet kollha, ikun iffirmat minnu fit-tmiem tiegħu.

"(3) Jekk it-testatur ma jkunx jaf jew ma jkunx jista' jikteb, tgħodd id-dispożizzjoni tal-Artikolu 663."

Rilevanti ħafna biex jitfgħu dawl fuq ic-cirkostanzi tal-każ odjern huma s-sub-Artikoli (2) u (3). Dawn is-sub-artikoli, kemm fit-test Ingliż, kif ukoll fit-test Malti, ma jitkellmux fuq il-kapacita` tat-testatur li "jaqra". Jitkellmu biss fuq il-kapacita` tiegħu li "jikteb". Skont is-sub-Artikolu (2), jekk testatur jaf u jista' "jikteb", huwa għandu jiffirma t-testment sigriet tiegħu. Skont is-sub-Artikolu (3) huwa biss meta t-testatur ma jafx/ma jistax "jikteb" li imbagħad japplika l-Artikolu 663. Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 656, il-kapacita` li testatur "jaqra" fil-fatt mhix rekwiżit; jiġifieri

[1] Dan is-sub-artikolu, qabel ma ġie emendat bl-Att XVIII tal-2004, jiġifieri fiż-żmien li saru t-testmenti sigrieti in kwistjoni, kien jaqra hekk: **" It-testment sigriet jista' jiġi miktub sew mit-testatur innifsu jew minn terza persuna."**

applikat għall-każ odjern, assolutament mhux il-każ li jiġi pruvat li Nazzareno Abela kien kapaci "jaqra".

Tqum issa l-kwistjoni dwar jekk il-fatt li wieħed jaf "jikteb", jew kif ipoġġuha l-appellanti, "iħażżeż", il-firma tiegħu, bħal ma kien jaf jagħmel Nazzareno Abela, hux biżżejjed biex huwa jkun ikkunsidrat li jaf "jikteb" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. X'livell ta' kitba għandu wieħed ikollu biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-artikolu?

Is-sub-Artikolu (2) jesiġi li meta t-testatur jaf u jista' jikteb, it-testment għandu jkun iffirmat minnu fit-tmiem tiegħu. Dan huwa l-*bare minimum* ta' kitba li l-liġi tirrikjedi mill-id tat-testatur innifsu. It-testment sigriet irid jkun iffirmat mit-testatur anke jekk it-testment ikun fil-fatt inkiteb minn terża persuna. Jekk jaf jikteb il-firma tiegħu, allura jaf "jikteb" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Dan mhux "tagħlim riġidu" kif jilmentaw l-appellanti fir-rikors tagħhom u s-sub-Artikolu (3) jikkonferma dan. Is-sub-Artikolu (3) fil-fatt jipprovdi x'għandu jsir f'każ li t-testatur ma jkunx jaf/jista' jikteb u allura bħala riżultat tal-fatt li ma jafx/ma jistax jikteb, ma jkunx jista' jikkonforma ma' tali formalita`. Kif jispjega tajjeb il-Prof. Caruana Galizia, jekk testatur ma jistax jikteb, allura ma jistax jiffirma testment redatt: "*If the testator cannot write, an essential formality, viz, the signature, cannot be complied with*". Jidher għalhekk, li trattandosi l-Artikolu 656 dwar il-"forma ta' testment sigriet", huwa f'dak il-każ li t-testatur mhux kapaci jħalli l-firma tiegħu fuq id-dokument skond l-Artikolu 656(2) li tiskatta d-dispożizzjoni tal-Artikolu 663.

Issa Nazzareno Abela, minkejja li ma kienx bniedem ta' skola, kien kapaci jikkonforma mal-formalita` taħt l-Artikolu 656(2). Huwa, wara li mar għand in-nutar tal-fiducja tiegħu u talbu jiktiblu t-testmenti sigrieti bid-dettalji kollha kif xtaqhom hu, kien moħħu mistrieħ li dak li nkiteb min-nutar kien fil-fatt jirrappreżenta l-volonta` tiegħu, u għalhekk kien kuntent li jniżżel il-firma tiegħu fuq kull wieħed minnhom. Minkejja li jista' jkun li Nazzareno Abela waħdu ma kienx kapaci jivverifika li dak li inkiteb huwa effettivament dak li ried hu li jkun miktub, ta' min jikkunsidra li hu mar għand persuna professjonali mhux

persuna mit-triq, jew xi persuna interessata, biex jiddettalha kif irid li jiddisponi mill-ġid tiegħu wara mewtu. Huwa kellu fiducja f'din il-persuna u tant kien konvint li n-nutar kien ser iniżżel dak li huwa qallu biex iniżżel, li kull darba li għamel testment sigriet għażel li jiffirmah bl-id tiegħu stess sabiex juri lil kull min fil-futur ser jaqra dak it-testment li dak li hemm imniżżel hija l-volonta` tiegħu. In-nutar stess xehed li *"Għandi ngħid illi d-diversi testmenti li għamel dan Nazzareno Abela u li jiena ħejjejtlu hu iffirmahom kollha u qatt ma kelli problema dwar dan………F'kull każ jiena mbagħad qrajtlu l-kontenut tat-testment u hu iffirma.*" Nazzareno Abela lanqas biss ħass li kellu jinforma lin-nutar li ma kienx bniedem ta' skola. Il-persuna tan-nutar għalih kienet "assigurazzjoni" li dak li kiteb huwa dak li huwa fil-fatt huwa xtaq li jinkiteb, u l-firma tiegħu fuq it-testmenti sigrieti hija hemm bħala prova magħmula minnu stess biex turi li dak li hemm imniżżel jirrispekkja l-volonta` tiegħu.

In oltre, għandu jingħad li ma hemm l-ebda allegazzjoni da parti tal-atturi appellanti li l-firma li tidher fuq it-testmenti mhix fil-fatt il-firma ġenwina ta' Nazzareno Abela miktuba minnu stess. Fil-fatt ta' min josserva li l-firma tiegħu hija dejjem konsistenti u ma hemmx varjazzjonijiet notevoli bejn firma u oħra. Lanqas ma qegħdin l-atturi appellanti jallegaw li dak li hemm miktub fit-testmenti sigrieti ta' Nazzareno Abela imur kontra l-volonta` tiegħu. Ma hemm l-ebda allegazzjoni li sar xi tbagħbis. In-nutar Hugh Grima bil-ġurament tiegħu fil-fatt ikkonferma li t-testment fedelment jirriproducu l-intenzjonijiet ta' Nazzareno Abela, ikkonferma wkoll li kien mentalment san u jaf x'inhu jagħmel, li kien jaf x'irid u li kien jaf preciżament kif ried jiddisponi minn ġidu. Ikkonferma wkoll li t-testmenti saru mingħajr l-influenza ta' uliedu. L-atturi appellanti qegħdin jattakkaw il-validita` tat-testmenti sigrieti taħt l-Artikolu 663 sempliciment minħabba l-fatt li l-istess Abela ma kienx bniedem ta' skola (u dan ovvjament qegħdin jagħmluh għaliex għandhom x'jiggwadanjaw iktar taħt it-testment pubbliku milli taħt l-aħħar testment sigriet). Iżda wara kollox l-liġi qegħda hemm sabiex tipproteġi l-volonta` tal-mejjet u mhux biex tiġi applikata b'mod li jsir l-oppost u ssir ingustizzja.

Din il-Qorti fir-rigward tal-Artikolu 663 jidhrilha li ġialadarba t-testmenti sigrieti ta’ Nazzareno Abela jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-forma kif spjegati fl-Artikolu 656, allura l-Artikolu 663 ma japplikax għall-każ in kwistjoni. Il-formalitajiet taħt l-Artikoli 656(1) u (2) ġew debitament sodisfatti u għaldaqstant mhux applikabbli l-Artikolu 656(3). Ladarba mhux applikabbli l-Artikolu 656(3) daqstant ieħor mhux applikabbli l-Artikolu 663 li huwa abbinat miegħu. U ladarba d-dispożizzjoni tal-Artikolu 663, li fuqu hija ppernjata din il-kawża, ma tgħoddx, l-argumenti tal-atturi appellanti li huma bbażati fuq dan l-artikolu daqstant ieħor ma jgħoddux.
Fil-fehma ta’ din il-Qorti it-testmenti sigrieti ta’ Nazzareno Abela huma validi u ghandhom ghalhekk jigu rispettati.

Isegwi mela li l-aggravji tal-appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jigu respinti.

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u ticħad l-appell interpost mill-atturi.

Tikkundanna lill-istess atturi jħallsu l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------